MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Numru. 92/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezrin Grixti)**

**Vs**

**Ninian Mangion**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ninian Mangion ta' 18-il sena, bin Ronald au Nadine nee Bajada, imwieled tal-Pieta' fit-2 ta' Awwissu 1987 u residenti 57 Trfiq Sant'Orsla Valletta, detentur tal-karta tal-identiat' bin-numru 354387 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-2 t'Ottubru 2005 u tliet xhur qabel, ġewwa Paceville u bnadi oħra f'Malta f'ħinijeit differenti

a) kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijeit tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emenedati, **liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

b) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet oħra li jkolha bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-fedina penali tal-imputat, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tar-Repubblika, l-istqarrija tal-imputat ((fol 2), iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 3543 tas-sena 1987, it-talba tad-difiża biex jingħataw lura l-flus li kienu ppreżentati mill-Prosekuzzjoni, in-nomina tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 10), il-current incident report a fol 18, ir-relazzjoni tal-ispiżjar Mario Mifsud (fol 25), id-dikjarazzjoni li għamlet id-difiża li biha eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' ċerti xhieda (fol 27), is-social and inquiry report a fol 40 kif ukoll iż-żewġ sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat fit-13 ta' Frar 2009 li kienu jirreferu għall-perjodu 5 ta' Ġunju 2005 u matul is-sentejn ta' qabel (pussess ta' ecstasy) u t-28 t'Ottubru 2005 u t-tleit ġimgħat ta' qabel (pussess ta' eroina).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Fit-2 t'Ottubru 2005 il-Pulizija waqqfu lill-imputat ġewwa Paceville għall-ħabtat tas-01.15am.  Huwa kellu fuq 13-il pillola ecstasy, biċċa raża tal-cannabis u Lm112 li kienu maqsumin f'żewġ ammonti – Lm52 kienu fil-wallet u Lm60 keinu ġol-but tal-qalziet.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat li l-aħħar li kien aħdem kien fis-sajf tas-ena 2004 (jew sena qabel) u kien qala' Lm350 fix-xahar bl-vertime. Hiwa ammetta li l-ecstasy u l-blokka tal-cannabis kienu tiegħu. Huwa qal li l-ecstasy u l-cannabis kienu għall-użu tiegħu. L-aħħar li kien ħa l-ecstasy kien ħames ġimgħat qabel u kein ħa xi seba' jew tmien pilloli. Il-cannabis kien għamel użu minnha fit-30 ta' Settembru 2005. Huwa kien jonfoq madwar Lm20 f'lejl. L-ecstasy kien xtara tlettax fil-jum ta' qabel u kien għadu ma ħax minnhom. Huwa qal li ien qed iġorr tlettax-il pillola biex forsi jieħu tmienja minnhom. Il-cannabis kein iżommha fuqu biex ma ssibhiex ommu. Huwa qal ukoll li ommu u zitu kienu jagħtuh Lm45 bejniethom fil-ġimgħa.

PS 69 Jesmond Cremona xehed li kien osserva lill-imputat ġej u sejejr ikellem 'il xi żgħażagħ. Imbagħad rah dieħel fit-toilet ma' ċertu Bernard Meilaq li fuqu sabu 6 pilloli ecstasy. Dan qalilhom minn fejn kien xtrahom (persuna bi striped shirt – ara fol 16) u l-Pulizija kienu arrestaw lill-imputat. (Fol 16). Barra l-flus l-imputat kellu lubretti king size fuqu.

PS 564 Jeffrey Schembri xehed li kienu raw żewġ persuni deħlin fit-toilets u wara waqqfu lil ċertu Bernard Meilaq u sabulu l-pilloli ecstasy fuq. Dan ġibdilhom l-attenzjoni għall-imputat bħala l-bniedem li kien tah id-droga. (Fol 21). Fuq l-imputat instabu 13 il-pillola ecstasy u Lm114.80.

L-Ispiżjar Mario Mifsud ikkonferma li l-pilloli fihom is-sustanza MDMA u l-cannabis kellha piż ta' 2.947 grammi.

Il-Probation Officer Ivan Sultana xehed li ħajjet l-imputat kienet xi naqra kaotika. L-imputat beda jattendi l-Caritas u fiż-żmien meta xehed il-Probation Officer l-imputat kien qed jattendi regolarment. L-istess Probation Officer reġa' xehed it-tieni darba fit-13 ta' Jannar 2009 u qal li l-imputat kien għadda minn żmien ikrah fil-familja u għalhekk inqabad fil-vizzju tad-droga. L-imputat kien għamel

progress iżda dan ma kienx wieħed assolut. (fol 36). Is-separazzjoni tal-ġenituri ħalliet effett kbir fuq ħajjet l-imputat.

Xehdet ukoll omm l-imputat li ddeskriviet it-trawma li kien hemm fiż-żwieġ.L-imputat beda jkollu diffikultajiet biex isegwi l-iskola minħabba li kien dyslexic. Lit-tifel kienet xtratlu karozza cash u kienet tagħtih Lm20 fil-ġimgħa waqt li zitu ġieli kienet ittih saħansitra Lm40 fil-ġimgħa. Meta kein l-iskola t-tifel kien ibati minħabba ċertu bullying. Darba minnhom spiċċa fid-dar Suret il-Bniedem u l-imputat baqa' jġorr il-cash fuqu. Kienet tatu wkoll xi Lm1000 wara li x-xhud kienet wirtet.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Ma hemm ebda dubju li l-imputat instab bi tlettax-il pillola ecstasy ġewwa Paceville meta hu (skond l-istqarrija) kien ilu xi ħames ġimgħat ma jieħu ecstasy. Instab ukoll bi tlettax-il pillola fuqu meta hu kien jieħu 'sebgħa jew tmienja'. Huwa nstab b'dan l-ammont fis-siegħa ta' filgħodu meta l-lejl kien daħal sew u hu stess qal li sa dak il-ħin kien għadu ma ħax minnhom. Instab ukoll bi Lm52 fil-kartiera u b'sittin lira Maltija fil-jeans. Ukoll jekk kien jieħu pocket money ta' Lm60 fil-ġimgħa (u dan wara li xtara '13'-il pillola b' Lm3.75 kull waħda jew Lm48.75) kif kien baqa' Lm112.00?

Il-Qorti qed tiskarta dawk iż-żewġ partijiet fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni meta dawn qalu li terza persuna kienet indikat lill-imputat bħala l-persuna li kienet fornietha bl-ecstasy minħabba li din il-biċċa tax-xhieda hija 'hearsay' għaliex il-persuna indikata ma ttellgħetx tixhed.

Minn dan kollu l-Qorti qed tikkonsidra dan li ġej:

**(a) in-numru 13 ta' ecstasy mhux xi wieħed żgħir u ma torbtux ma' użu esklussiv; (Dan in-numru waħdu diġa' huwa prova tal-pussess aggravat); u**

(b) li dan in-numru kien jiżboq dak li allegatament kien jikkonsma l-imputat;

(ċ) misjub barra t-triq, ġewwa Paceville, fejn it-tentazzjoni għaż-żgħażagħ li jieħdu l-ecstasy huwa kbir; u

(d) meta l-imputat kien ilu ma jieħu ecstasy għal ħames ġimgħat u għalhekk ma kienx jagħmel sens li jkollu dak in-numru kbir ta' pilloli fuqu; u

(e) li fis-siegħa u kwart ta'filgħodu, persuna li tgħid li tieħu tmienja ecstasy, skond din il-persuna kienet għadha ma ħadet xejn u kellha mhux biss tmein ecstasy iżda wkoll ħamsa oħra 'just in case';

(f) il-Qorti mhix impressjonata li l-imputat kien qed iġorr id-droga fuqu flok ħallieha d-dar minħabba xi 'biża' mill-mama'' għaliex f'temp ta' erba' xhur l-imputat inqabad darbtejn oħra fil-pussess tad-droga. Fil-fatt il-Qorti qieset ukoll is-sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat qabel fejn f'waħda kien nstab ħati ta' pussess ta' eroina u fl-oħra kien instab ħati ta' pussess ta' ecstasy (5 ta' Ġunju 2005 u matul is-sentejn ta' qabel) u dan għamlitu biex tqis il-kwadru kollu.

**Għalhekk il-Qorti, wara li qieset dawn is-sitt punti kumulativament, qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni.**

**It-Tieni Imputazzjoni**

Il-Prosekuzzjoni ppruvat din l-imputazzjoni permezz tal-istqarrija tal-imputat innifsu, tas-sejbien fuqu tad-droga cannabis, u tal-analiżi forensika magħmula**. Għaldqastant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni.**

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif ukoll l-artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) tal-Kap 31 u l-artikoli 8(a), 22(1)(a) u**

**22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat u qed tikkundannah għal piena ta' priġunerija ta' sitt xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €468 liema multa tista' titħallas b'rati ta' 50 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isiri fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx fiż-żmien mogħti, allura din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.**

**Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas is-somma ta' €448.69 (Lm191.75) in konnessjoni max-xogħol tal-espert maħtur mill-Qorti. Dan il-ħlas għandu jsir fi żmien xahar mil-lum.**

**Dwar il-flus esibiti, il-Qorti qed tordna li jingħataw lura (skond il-valur f'Ewros) lill-imputat minħabba nuqqas ta' prova b'saħħitha biżżejjed li xi parti minn dawn il-flus kienet il-frott ta' traffikar ta' droga/. L-imputat jista' jagħżel li jispaċċja dan l-ammont ma' dak dovut minnu skond il-paragrafi preċedenti.**

**Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.**

**Fl-aħħarnett, il-Qorti twissi li jkunu xi jkunu d-diffikultajiet tal-ħajja, il-Liġi ma tipprovdi ebda skuża biex wieħed ikollu d-droga jew li jġorrha fuqu f'ammont u f'ċirkostanzi li jindikaw li din il-persuna kienet qegħda jew ser tittraffika d-droga. U biex wieħed jisntab ħati ta' pussess aggravt jew ta' traffikar m'hemmx għalfejn li jinqabad b'xi ammonti kbar.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------